MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2013

Numru. 709/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Cassar)**

**vs**

**Diego Grixti**
**Clayton Borg**
**Luaie Borg**

Kumpilazzjoni Nru: 709/2009

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra

**Diego Grixti** ta’ 23 sena, bin Henry u Frances nee’ Pirotta, imwieled Pieta’ fl-20 ta’ Novembru, 1985, residenti gewwa l-fond numru 37 Flat 1 Triq il-Kappuccini Furjana u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 590685(M).

**Clayton Borg** ta’ 22 sena, bin Alfred Borg u Anna Borg, imwieled Pieta’ fil-21 ta’ Marzu, 1987, residenti gewwa l-fond Blk D Flat 15 Triq Bertha San Giljan u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 154787(M).

**Luaie Borg** ta’ 21 sena, bin missier mhux maghruf u Maria Dolores Borg, imwieled Pieta’ fis-16 ta’ Marzu, 1988, residenti gewwa l-fond numru Block 13 Flat 8 Triq it-Tramuntana, Valletta u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 162388(M).

Akkuzati talli

1. Fil-lejl ta’ bejn il-21 u 22 ta’ Lulju 2009 ghall-habta ta’ nofs il-lejl, gewwa Triq l-Isptar Belt Valletta, ikkomettew serq ta’ flus kontanti ghad-dannu ta’ Josephine Grixti, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-hin, bil-valur li huwa aktar minn elfejn tlett mija u disa’ w ghoxrin Euro sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz, u bil-lok;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Josephine Grixti kontra l-volonta’ taghha, liema persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata giet offiza fuq il-persuna taghha jew mhedda bil-mewt u l-istess delitt sar bil-hsieb ta’ estorsjoni ta’ flus jew hwejjeg ohra, jew biex persuna jew persuni ohra jkunu imgieghla jaccettaw li jaghmlu xi trasferiment ta’ hwejjighom;

3. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi kkagunaw griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Josephine Grixti hekk kif gie ccertifikat minn Dr M. C. Bartolo MD

4. U aktar talli saru recidivi ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 ta’ Kapitolu 9 ta’ Ligijiet ta’ Malta b’ diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenza saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Lil Luaie Borg wahdu

5. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet li gew imposti fuqu b’ sentenza moghtija mill-Magistrat Dr Anthony J Vella LL.D nhar it-12 ta’ Ottubru 2006 fejn gie kkundannat disa’ xhur prigunerija sospizi ghal tliet snin.

Lil Diego Grixti wahdu

6. U aktar talli kiser provedimenti ta’ artikolu 22 ta’ Kapitolu 446 ta’ Ligijiet ta’ Malta b’ sentenza moghtija mill-Qrati ta’ Malta datata nhar it-3 ta’ Frar 2009 fejn gie moghti l-liberta’ bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin minn dak il-jum liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.
Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lil-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

Fil-konfront ta’ **Clayton Borg**:
- 261, 262(1)a)(b)(2), 263(a)(b), 267, 269(g), 270, 274(c), 275, 277(a)(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 86 u 87(1)(c)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
- 17, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fil-konfront ta’ **Luaie Borg**:
- 261, 262(1)a)(b)(2), 263(a)(b), 267, 269(g), 270, 274(c), 275, 277(a)(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 86 u 87(1)(c)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 28B(1), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
- 17, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fil-konfront ta’ **Diego Grixti**:
- 261, 262(1)a)(b)(2), 263(a)(b), 267, 269(g), 270, 274(c), 275, 277(a)(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 86 u 87(1)(c)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

- 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 23(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
- 17, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jikompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jittratta serq minn fuq il-persuna ta’ certa Josephine Grixti.

Illi skond din Grixti gara li fil-lejl bejn il-21 u 22 ta’ Lulju 2009 hija kienet qed tirritorna mix-xoghol ghad-dar f’Triq l-Isptar il-Belt; kien qed iwassalha xi hadd bil-karozza tieghu. X’hin waslet vicin id-dar cemplet lil bintha Casey, li kienet fuq is-sur ma’ habiba taghha, biex tghidilha tigi d-dar. Grixti spjegat li hija tghix f’appartament li qieghed fis-sular ta’ fuq fil-blokka. Meta dahlet fil-komun u bdiet tiela fuq Diego Grixti qabez fuqha u taha daqqa ta’ ponn f’wiccha hekk kif Luaie Borg (li gie minn warajha) qabadha minn ghonqha u pogga idejh fuq halqha biex ma tkunx tista’ tghajjat, fil-waqt li Clayton Borg, minn quddiemha, dahhal idejh f’hobbha u ha l-flus li hija kellha hemm; meta telqu jigri Clayton Borg waqghulu xi flus minn idejh. Grixti spjegat ukoll li kull wiehed mill-imputati kellu wiccu mghotti; Luaie Borg b’maskra tal-hockey u t-tnejn l-ohra bit-tights. Hi pero setghet tarafhom ghaliex it-tights kienu trasparenti u l-maskra kellha t-toqod. Hi lil imputati kollha tafhom: Diego Grixti kien jigi minnha (hija z-zija tar-rispett tieghu), Clayton kien ghamel xi tlett snin u nofs f’relazzjoni maghha, fil-waqt li Luaie Borg huwa il-kugin ta’ Clayton. Grixti ftakret x’kienu liebsin it-tlett imputati u sahansitra gharfet it-top li kien liebes Clayton bhala top li kienet xtratlu hi stess. Grixti kompliet tirrakkonta li malli t-tlett imputati telquha hi bdiet tghajjat. Waqt id-depozizzjoni taghha Grixti ma setghetx tghid kemm kellha flus fuqha; hi tghid li ma tafx tghodd ghalhekk kienet thalli f’idejn bintha

Cymber; l-ahhar li kienet ghaddiethielha l-flus kien propju aktar kmieni dak in-nhar ta’ l-incident. Grixti tghid li kienet izomm il-flus fuq il-persuna taghha ghaliex kienet tibza’ thallihom id-dar. F’dan l-incident Josephine Grixti soffriet griehi ta’ natura hafifa kif jirrizulta mid-depozizzjoni taghha u mic-certifikat esebiet.

Illi bint Jospehine Grixti, Casey, xehdet. Hi tikkonferma li kienet ma’ habiba taghha fuq is-sur meta rat lil Clayton Borg u Luaie Borg f’karozza ghaddejjin fil-vicin; maghhom fil-karozza kien hemm persuna ohra (ragel) li kien liebes flokk abjad bir-rigi; Casey tghid li ghaddew xi darbtejn. Meta ommha cemplithielha biex titla’ d-dar regghu ghaddew l-imputati bil-karozza. Ftit wara ommha regghet cemplilitha u Casey semghet ‘l ommha tghajjat u hi telghet tigri. Meta waslet fil-kantuniera rat lill-imputati jigru ‘l fuq, Luaie Borg kellu maskra sewda bit-toqod f’idejh, Clayton Borg kellu xi haga zghira f’idu fil-waqt li Diego Grixti kien liebes tights f’rasu. Dak il-hin hi bezghet u baqghet hemm sa kemm nizlet ommha u qaltilha x’gara. Casey tghid li setghet tgharaf lill-imputati ghax kienet rathom ftit qabel meta kienu qeghdin fil-karozza fuq is-sur u nnutat x’kienu liebsin, pero fuq kollox hi gharfithom ghax kienet  tafhom.

Illi xehdet ukoll it-tifla l-ohra ta’ Grixti, Cymber, li kkonfermat li aktar kmieni dak in-nhar ta’l-incident ommha kienet talbitha tghoddilha l-flus u hi hekk ghamlet; dak in-nhar ommha kellha sitt elef u sitt mitt Euro f’denominazzjonijiet ta’ hames mija, hamsin u ghoxrin Euro. Wara li ghaddiethom qeghdiethom fil-portmoni ta’ ommha. Cymber pero tikkonferma li meta ommha tmur ghax-xoghol dejjem tpoggi l-flus fuq il-persuna taghha.

Illi t-tlett imputati xehdu u jaqblu fil-verzjonijiet taghhom. Fil-waqt li jichdu kwalunkwe involivment f’l-akkadut huma jammettu li kienu il-belt fil-hin ta’ l-incident pero jallegaw li huma kienu hemm ghaliex Luaie kellu ugih f’darsa u marru ghand wahda li  toqghod il-Belt biex taghtih xi pilloli. It-tlett imputati jikkonfermaw li kienu San Giljan ma’ l-gharusa ta’ Luaie meta dan talab lil Clayton jiehdu l-Belt ghand certu Rini biex taghtih xi pilloli ghall-ugih; wasslu lil Lauie ghand din Rini, u immedjatament wara wassluh id-

dar (hu joqghod il-Belt); Clayton mbaghad wassal lil Diego li joqghod il-Furjana, u baqa sejjer id-dar tieghu.

Illi minbarra dawn il-provi hemm ukoll id-depozizzjoni tar-rapprezentanti tal-Go u tal-Vodafone kif ukoll ta'l-espert nominat minn din il-Qorti, Dr Martin Bajada, u d-dokumenti redatti minnhom li juru telefonati u sms' mill-mobile phones ta' Josephine Grixti u bintha Casey, kif ukoll telefonati sms' u localisation tal-mobile phones ta' Luaie Borg u Clayton Borg. Dawn id-dokumenti jikkonfermaw l-iskambu ta' telefonati bejn Jospehine Grixti u bintha Casey; u jikkonfermaw li fil-hin li Josephine Grixti qalet li giet aggredieta mit-tlett imputati l-mobile phones ta' Luaie Borg u Clayton Borg kienu qeghdin il-Belt.

Illi ghandu jigi rilevat li Josephine Grixti xehdet darbtejn ghaliex l-imputati talbu li din terga titressaq biex isirilha kontro-ezami ulterjuri. Dak in-nhar hija qalet li lill-imputati qed tahfrilom u qisu pruvat tirtira xi asserzjonijiet li kienet ghamlet fid-depozizzjoni taghha originali; b'mod partikolari pruvat titfa dubbju dwar il-fatt li kienet gharfet lit-tlett imputati. Id-difensuri ta'l-imputati fil-fatt qed jitfghu dubbju dwar il-kredibilita ta' din ix-xhud.

Illi f'dan ir-rigward l-Qorti hija tal-fehma li ghandhom isiru xi osservazjonijiet. Jibda biex jinghad ili Josephine Grixti ma tesprimiex ruhha b'l-aktar mod intelligibbli; dan il-fatt wahdu pero m'ghandux iwassal necessarjament ghall-konkluzjoni li hija mhiex xhud kredibbli. Dwar it-tieni depozizzjoni taghha l-Qorti, li kellha l-opportunita tara l-komportament taghha fiz-zewg okkazjonijiet li hija ddeponiet, hija konvinta li t-tieni depozizzjoni kienet influenzata u determinata mill-fatt li apparentement kienet giet ristabbilita r-relazzjoni ma'l-imputati u Grixti kienet hafritihom. Fil-verita d-dettalji saljenti ta'l-incident kif rakkontati f'l-ewwel u fit-tieni depozizzjoni huma identici; in oltre hija spiccat biex regghet kkonfermat li kien hemm Clayton u li kien liebes flok abjad bic-celest li hija gharfet ghax kienet xtratulu hi stess.

Illi tenut kont ta' dan u tenut kont ta' l-assejm tal-provi, inkluz id-depozizzjoni ta' Casey Grixti u l-informazzjoni

dwar telefonati u localistaion tal-mobile phones, il-Qorti hija konvinta li l-fatti graw kif rakkontati minn Grixti u li t-tlett persuni li aggredewha biex serqulha l-flus kienu t-tlett imputati.

Illi ghalhekk l-ewwel tlett imputazzjonijiet migjuba kontra t-tlett imputati flimkien, cioe serq aggravat bil-vjolenza, mezz, valur, lok u hin; sekwestru ta' persuna; u offiza hafifa fuq il-persuna ta' Josephine Grixti huma sodisfacjentement pruvati.

Ikkunsdrat

Illi ghandu jinghad li r-raba imputazzjoni elenkata fic-citazzjoni u li tirreferi ghal recidiva hija migjuba kontra t-tlett imputati flimkien; fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta huma kwotati biss fil-konfront ta' Luaie Borg u Diego Grixti u mhux fil-konfront ukoll ta' Clayton Borg. Il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni in kwantu tirreferi ghall-Clayton Borg.

Ikkunsidrat

Illi fil-konfront ta' Luaie Borg hemm migjuba zewg imputazzjonijiet ohra; dik dwar recidiva u dik dwar ksur ta' sentenza sospieza.

Illi in sostenn ta' dawn l-imputazzjonijiet giet prezentata sentenza datata 12 ta' Ottubru 2006 permezz ta' liema Borg instab hati ta' offiza gravi kawzati permezz ta' oggett li jaqta u bil-ponta, u nghata sentenza ta' disgha (9) xhur habs sospiezi ghal tlett snin.

Illi l-fatti mertu ta'proceduri odjerni sehhew fil-21/22 ta' Lujlu 2009 u ghalhekk fil-perjodu ta' tlett snin li beda jiddekorri mit-12 ta' Ottubru 2006. In oltre u ai fini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta m'ghandux ikun hemm dubbju li r-reati li taghom qed jinstab hati llum sehhew entro t-terminu ta' hames snin mit-12 ta' Ottubru 2006.

Illi ghalhekk ir-raba imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal Luaie Borg u l-hames imputazzjoni jirrizultaw sodifacjentement pruvati ukoll.

Ikkunsdrat

Illi fil-konfront ta’ Diego Grixti ukoll hemm zewg imputazzjonijiet ohra: dik dwar recidiva u dik dwar ksur ta’ liberta kundizjonata.

Illi in sostenn ta’ dawn l-imputazzjonijiet l-prosekuzzjoni prezentat zewg sentenzi; wahda datata l-1 ta’ Dicembru 2008 li permezz taghha Grixti instab hati, inter alia, ta’ ricettazzjoni u gie kkundannat hames (5) xhur prigunerija; u l-ohra datat 3 ta’ Frar 2009 li permezz taghha wara li nstab hati ta’ serq aggravat gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

Illi tenut kont li dawn is-sentenzi nghataw anqas minn sena qabel ma sehhew il-fatti li wasslu ghall-proceduri odjerni huwa car li dawn iz-zewg imputazzjonijiet migjuba kontra Diego Grixti ukoll huma sodisfacjentement pruvati.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom kull wiehed mill-imputati qed jinstab hati, u l-fedina penali ta’ kull wiehed mill-imputati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti

Wara li rat l-artikoli 49, 50, 86, 87(1)(c)(e), 221, 261, 262(1)a)(b)(2), 263(a)(b), 267, 269(g), 270, 274(c), 275, 277(a)(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ssibb lill-imputat **Diego Grixti** hati ta’l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah tlettin xahar (30) prigunerija; in oltre b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 qed taghzel li ma titrattax mieghu ghar-reati li taghhom instab hati fit-3 ta’ Frar 2009.

Fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba imputazzjoni elenkata fic-citazzjoni kontra l-imputat **Clayton Borg**, wara li rat l-artikoli 86, 87(1)(c)(e), 221, 261, 262(1)a)(b)(2), 263(a)(b), 267, 269(g), 270, 274(c), 275, 277(a)(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssibb lill-istess imputat Clayton Borg hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah sentejn (2) prigunerija

Wara li rat l-artikoli 28A, 28B, 49, 50, 86, 87(1)(c)(e), 221, 261, 262(1)a)(b)(2), 263(a)(b), 267, 269(g), 270, 274(c), 275, 277(a)(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssibb lill-imputat **Luaie Borg** hati ta'l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah sitta u ghoxrin (26) xahar prigunerija; in oltre, u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 qed taghzel li ddahhal fis-sehh is-sentenza ta' disgha (9) xhur prigunerija mghotija fil-konfront ta'l-istess imputat Luaie Borg fit-12 ta' Dicembru 2006.

In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kull wiehed mill-imputati qed jigi ikkundannt ihallas lir-registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' disghin Euro u ghoxrin centezmu (€90.20) rapprezentanti spejjez in konessjoni mal-hatra ta'l-esperti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------